II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1201/2014

**tas-7 ta' Novembru 2014**

**li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-1 ta' Lulju 2012 u l-1 ta' Lulju 2013, ir-rata ta' kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, stipulati fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 83a u l-Anness XII tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-għan tal-Artikolu 19 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), hu li permezz tiegħu l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi saldat it-tilwim tagħhom rigward l-aġġustamenti tal-2011 u l-2012 tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet u għall-aġġustament tal-2011 tar-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet biex tkun konformi ma' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tittieħed kunsiderazzjoni dovuta tal-aspettattivi leġittimi tal-persunal li l-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni kull sena dwar l-aġġustament tar-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet.

(2) Bħala parti minn approċċ globali biex jiġi saldat it-tilwim u biex ikunu konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2013 fil-Kawża C-63/12 ([3]), il-Kummissjoni v Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolamenti (UE) Nru 422/2014 ([4]) u (UE) Nru 423/2014 ([5]) ir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea b'effett mill-1 ta' Lulju 2011 u mill-1 ta' Lulju 2012. Dawk l-aġġustamenti jeħtieġu l-aġġustament retroattiv rispettiv tar-rata tal-kontribuzzjoni għall-iskema tal-pensjonijiet għas-snin 2011, 2012 u 2013.

(3) F'konformità mal-Artikolu 13(3) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Eurostat ippreżenta rapporti dwar il-valutazzjonijiet attwarji tal-iskema tal-pensjonijiet tal-2011, 2012 u 2013, li jaġġornaw il-parametri msemmija f'dak l-Anness. Meta wieħed iqis dawk il-valutazzjonijiet u l-Artikolu 4(6) tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rata tal-kontribuzzjoni meħtieġa biex jinżamm il-bilanċ attwarju tal-iskema tal-pensjonijiet hija ta' 11 % mill-1 ta' Lulju 2011, 10 % mill-1 ta' Lulju 2012 u 10,9 % mill-1 ta' Lulju 2013.

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

([2]) Regolament (UE) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

([3]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġabra.

([4]) Regolament (UE) Nru 422/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom (ĠU L 129, 30.4.2014, p. 5).

([5]) Regolament (UE) Nru 423/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom (ĠU L 129, 30.4.2014, p. 12).

(4) Fl-interess tal-bilanċ attwarju tal-iskema tal-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, ir-rata tal-kontribuzzjoni għandha għalhekk tiġi aġġustata retroattivament għal 11 % tas-salarju bażiku mill-1 ta' Lulju 2011, 10 % tas-salarju bażiku mill-1 ta' Lulju 2012 u 10,9 % tas-salarju bażiku mill-1 ta' Lulju 2013,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rata tal-kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tkun ta':

— 11 % b'effett mill-1 ta' Lulju 2011,

— 10 % b'effett mill-1 ta' Lulju 2012,

— 10,9 % b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. C. PADOAN